ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015

| | | |
|---|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | IL-MALTI | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
| Livell 4-5 | Il-Karta Alternattiva għar-Raba' u l-Ħames Sena | |

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| _______ 20 marka | _______ 40 marka |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli barra xejn.

IL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra din l-istorja minn paġna maqtugħa tal-gazzetta "Kuljum".**

# Super Nata f'Għawdex?

**storja ta' Mario Gauci**

Xi Għawdxin ċemplu lil din il-gazzetta u qalulna li raw persuna ttir. Jaħsbu li din il-persuna hija Super Nata. Jidher li Super Nata hija tifla li kapaċi ttir. Hija ssalva nies li jkunu fil-periklu. Madankollu ħadd għadu ma jaf min tista' tkun din Super Nata.



Ritratt ta' Super Nata li ġibdu xi tfal tal-iskola tar-Rabat, it-Tnejn tal-ġimgħa l-oħra.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt.**

**1. Veru** jew **Falz**? Immarka ✓fil-kaxxa t-tajba. (4 marki)

| | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|
| a. It-titlu tal-istorja huwa mistoqsija. | | |
| b. Ma nafux min kiteb din l-istorja. | | |
| ċ. Din l-istorja dehret fuq sit elettroniku. | | |
| d. Dan huwa riklam ta' vaganza Għawdex. | | |

**2.** Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin. (6 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Din l-istorja hija fuq | grupp ta' aljeni. | |
| | | nies li jkunu fil-periklu. | |
| | | tifla mhux tas-soltu. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **b.** | Xi tfal tal-iskola ġibdu ritratt ta' | Mario Gauci. | |
| | | Super Nata. | |
| | | xi aljeni. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **ċ.** | Din l-istorja | ġrat m'ilux. | |
| | | ġrat is-sena l-oħra. | |
| | | ilha ħafna snin li ġrat. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **d.** | In-nies li ċemplu lil din il-gazzetta | huma ċerti li raw lil Super Nata. | |
| | | mhumiex ċerti li raw lil Super Nata. | |
| | | huma ċerti li raw lil Mario Gauci. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **e.** | In-nies | jafu min hi Super Nata. | |
| | | ma jafux min hi Super Nata. | |
| | | jaħsbu li jafu min hi Super Nata. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **f.** | Super Nata għandha s-setgħa | li ttir. | |
| | | li tisma' mill-bogħod. | |
| | | li titfi n-nar. | |

B. Aqra l-istorja **Super Nata**



**L-Ewwel Parti**

Dakinhar Nata u Miku niżlu sax-xatt. Il-baħar kien imqalleb. Kemm beda jieħu gost Miku jiġri fuq il-blat! Imma f'daqqa waħda Miku waqaf. Nata wkoll waqfet. Semgħet lil xi ħadd jgħajjat għall-ajjut. Nata u Miku dawru rashom lejn il-baħar u raw dgħajsa qed tegħreq! Miku beda jinbaħ kemm jiflaħ. **(paragrafu 1)**

**1. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba biex turi hux veru jew falz.** (3 marki)

| | **Veru** | **Falz** |
|---|---|---|
| a. Il-baħar kien kalm. | | |
| b. Il-ħoss li semgħu Nata u Miku kien ġej mill-baħar. | | |
| ċ. Miku kien qattus. | | |

**It-Tieni Parti**

Nata ma tilfitx ħin. Fetħet idejha t-tnejn, daret darbtejn u f'daqqa waħda tgħattiet f'daħna bajda. Mid-daħna ħarġet Super Nata, liebsa libsa blu, għajnejha mgħottijin b'maskra blu u fuq spallejha kellha mantell isfar. Fuq il-bokkla taċ-ċintorin kellha miktubin l-ittri S.N. **(paragrafu 2)**

**2. Agħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. L-ittri li Super Nata kellha miktubin fuq il-bokkla kienu | | S.N. |
| | | N.S. |
| | | N.B.S. |

| | | |
|---|---|---|
| b. Dawn l-ittri kienu jfissru | | Nata Super. |
| | | Nata b'Saħħitha. |
| | | Super Nata. |

**3. Agħmel ċirku mal-ittra li turi liema huwa l-mantell ta' Super Nata.** (marka)




**4. Imla l-vojt b'kelma waħda.**

Super Nata kienet liebsa maskra _______________. (marka)

<u>**It-Tielet Parti**</u>

Super Nata għolliet idejha u taret lejn id-dgħajsa. Hi refgħet id-dgħajsa u niżżlitha fuq lanċa li kien hemm fil-qrib. Wara, Super Nata taret lura fejn kienet. Malli niżlet fuq il-blat, ħarset madwarha u daret darbtejn. Hi reġgħet lura Nata, kif jafha kulħadd.

**(paragrafu 3)**

Mur għidilhom lit-tfal tal-iskola min kienet Super Nata li tant kienu jsemmuha fl-aħbarijiet! Das-sigriet jafu biss Miku, u żgur qatt mhu se jgħidu lil ħadd! **(paragrafu 4)**

**Wieġeb:**

5. X'għamlet Super Nata biex issalva lin-nies ta' fuq id-dgħajsa? (marka)

_______________________________________________

6. Taħseb li Super Nata kienet famuża? Kif taf? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA

**1. Kompli dan il-kliem billi tikteb is-sillaba t-tajba.** (6 marki)

**Eżempju:**

| | |
|---|---|
|  | bra **ma** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| a.  | ħu _____ | b.  | _____ za |
| ċ.  | ______ pur | d.  | qas ______ |
| e.  | den ______ | f.  | qar ni ______ |

**2. Imla l-vojt bin-numri.** (2 marki)

| | |
|---|---|
|  | **Eżempju:**<br>**tlieta** |
| a.  | ________________ |
| b.  | ________________ |

3. **Dawn it-tfal għandhom setgħat speċjali bħal Super Nata. X'jagħmlu?** (2 marki)

**Imla l-vojt b'kelma minn dawn:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ċċaqlaq | jixtri | ~~tisma'~~ | itir |

| | |
|---|---|
|  | **Eżempju:**<br><br>Lora **tisma'** minn seba' mili bogħod. |
| a.  | Karl ____________ fil-għoli ħafna. |
| b.  | Sabrina ___________ affarijiet tqal ħafna. |

4. **Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-ġenb.** (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
|  | **Eżempju:**<br><br>**Huma** marru jistadu. | Aħna / Huma / Hi |
| a.  | _________ sab bebbuxu. | Hu / Jien / Intom |

| | | |
|---|---|---|
| b.  | _________ marret tgħum l-Għadira. | Int / Aħna / Hi |
| ċ.  | _________ rajna kelb il-baħar. | Aħna / Intom /Hi |

**5. Imla l-vojt bl-artiklu.** (3 marki)

| | |
|---|---|
|  | **Eżempju:** Rita ħadet lit-tfal ħdejn il-baħar. |
| a.  | Hi lestiet ______ ħobż, ______ frott u xi fliexken tal-ilma. |
| b.  | Tina u Mark ħejjew ______ umbrella u ______ xugamani. |
| ċ.  | Tina ħadet ukoll ______ barmil u ______ pala. |

**6. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** (4 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| sewda | ~~ġdid~~ | interessanti | qasir | kwadra | eleganti |

| | |
|---|---|
|  | **Eżempju:**<br>żarbun <u>**ġdid**</u> |
| a.  | maskra ____________ |
| b.  | ċintorin ____________ |
| ċ.  | libsa _____________ |
| d.  | bokkla _____________ |

B. IL-KITBA TA' STORJA QASIRA

**Agħżel <u>waħda</u> minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 40 u 70 kelma dwarha.**

**1. Ħolma sabiħa**



**Dan il-kliem jista' jgħinek.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| tifla | ngħas | xita | raqdet |
| fil-fond | mħadda | pupu | sodda |

**Il-pjan – Wieġeb il-mistoqsijiet.** **(2 marki)**

Agħti isem lit-tifla.
Meta ġrat l-istorja?
Fejn kienet it-tifla?
X'ġara fil-ħolma?
Kif ħassitha?

JEW

**2. Ħarġa fil-kampanja**



**Dan il-kliem jista' jgħinek.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| zija | ħbieb | kelb | bnazzi |
| għelieqi | passiġġata | ħofra | jinbaħ |

**Il-pjan – Wieġeb il-mistoqsijiet.** **(2 marki)**

Meta ġrat l-istorja?
Kif kien it-temp?
Fejn mort u ma' min?
X'ġara?
Kif ħassejtek?

**Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.** **(15-il marka)**

## Ċ. IL-KITBA TA' KAPXIN (3 marki)

**Fil-gazzetta "Kuljum" deher ir-ritratt t'hawn taħt. Ikteb kapxin fil-linji taħt ir-ritratt. Taqbiżx il-ħmistax-il kelma. Ikteb sabiħ u tajjeb.**

**Dan il-kliem jista' jgħinek.**

| | | |
|---|---|---|
| tfal | tellieqa | roti |
| maratona | b'risq | fondi |

